TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Tribunal Ghat- Talbiet tal-Konsumatur

CCT220/15/MS

Emanuela Formosa

vs

Richard Zampa ez il-kummerc bhala Frenchies

Illum 6 ta' Ġunju, 2016

It-Tribunal

Ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fl-4 ta' November 2015 fejn talbet lil dan it-Tribunal li tikundanna lill-intimat li jirrifondi l-ammont ta' HAMSA U SITTIN EURO (€65.00), prezz ta' top mixtri mill-hanut tal-intimat bl-isem Frenchies, f'Valley Road, Birkirkara, fl-ahhar ta' Settembru 2015, liema top irrizultatlu hsara konsegwenza ta' diffett fil-manifattura.

Ra l-eccezzjonijiet tal-intimat prezentati fit-13 ta' Novembru 2015 fejn dana talab lil dan it-Tribunal li jichad it-talba tar-rikorrenti peress illi allega illi l-hsara saret permezz ta' brix b'handbag, bracelet jew seat-belt u ghalhekk ma kellux IKUN responsabbli ghall-hsara.

Ra l-verbal tal-14 ta' Dicembru 2015 fejn, fuq talba tar-rikorrenti, it-Tribunal innomina lil Vincent Ciliberti bhala espert tekniku bil-fakulta li jisma' x-xhieda bil-gurament, jispezzjona t-top mertu ta' din il-kawza u jirrelata dwar it-talba tar-rikorrenti wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-intimat.

Ra r-relazzjoni tal-espert tekniku prezentat fit-18 ta' April 2016 u mahluf fis-6 ta' Gunju 2016.

Ra illi r-rikorrent aderixxa mal-konkluzjonijiet tal-perit tekniku.

Ra illi l-intimat irrimetta ruhu ghal gudizzju ta' dan it-Tribunal.

**Ikkunsidra**

Illi huwa minnu illi r-rikorrenti xtrat top ghall-prezz ta' HAMSA U SITTIN EURO €65 minghand l-intimat li SKOND l-istess intimas hu wiehed fin izda b'sahhtu .

Ir-rikorrenti tallega illi wzatu darba biss f'okkazjoni u rrejalizat illi bdiet hierga l-hjata. Meta marret tilmenta ghand l-intimat, dan irrifjuta li jaccetta r-responsabbilta peress illi qal li tali hsara giet ikkawzata b'xi brix ma' curkett, giojellerija jew seat-belt. It-tekniku osserva illi zgur it-top ma kienx f'dik il-kundizzjoni meta nxtara peress illi l-hsara huwa ben vizibbli u ghalhkkk il-hsara saret wara. L-allegazzjoni tal-intimat li l-hsara kienet kagun ta' brix ma' oggett estern gie skartat mit-tekniku peress illi huwa minnu illi :

"meta mara tilbes ghall-okkazzjoni, dina tilbes ukoll giojellerija, tiehu handbag maghha u jekk taccedi GHALL-lok tal-okkazzjoni permezz ta' vettura, tintrabat bis-seat belt."

It-tekniku kien kategoriku fil-konkluzjoniet tieghu meta ighid " illi l-hsara fil-flok murija lill-esponenti tikkonsisti f'numru ta' linji TAHT xulxin li jindikaw li l-hsara ma saritx permezz ta' abrasion ma' seat belt (sitwazzjoni li mhijiex plawzibbli - imma hija ferm aktar konsonanti ma' gbid ta' hjata fid-disinn orrizontali tal-flok.

Ikkonkluda ghalhekk illi t-talbiet tar-rikorrenti kellhom jigu milqugha.

PERESS illi t-Tribunal jidhirlu illi dawn il-konkluzjonijiet huma plawzibbli, aktar u aktar meta l-intimat ma gab l-ebda prova ghall-allegazzjonijiet minnu maghmula, ma jsib ebda raguni il-ghala ghandu jiddipartixxi mill-konkluzjoniet peritali u ghalhekk jilqa' l-istess u jikkundanna lill-intimat li jhallas lir-rikorrenti l-ammont ta' €65.00, prezz ta' top ghar-raguinjiet fuq imsemmija. Bl-ispejjes kontra l-intimat.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru